Se ssir l-ewwel laqgħa tal-Core Group tal-MEUSAC
Nathaniel ATTARD
28 t' Awwissu, 2008 17:19 CET

Konsultazzjoni u dibattitu effettiv fuq il-liġijiet ta’ l-UE, għajnuna lill-NGO’s biex jagħmlu l-aħjar użu possibbli minn programmi u fondi ta’ l-Ewropa, u li jistimula diskussjoni vera dwar l-ideali, il-valuri u l-għanjiet Ewropej.

Se jkun dan l-iskop tal-MEUSAC, il-Malta-EU Steering and Action Committee li se jiltaqa’ għall-ewwel darba nhar il-:imgħa li ġej biex jagħti bidu għall-konsultazzjoni permezz ta’ struttura mġedda wara t-twaqqif tiegħu mill-ġdid f’Mejju li għadda.

Wara li fiż-żmien ta’ qabel is-sħubija ta’ Malta fl-UE kien serva bħala strument ta’ konsultazzjoni bejn il-Gvern, il-partiti politiċi, l-imsieħba soċjali u s-soċjeta’ ċivili fil-proċess tan-negozjati għas-sħubija, issa l-MEUSAC il-ġdid se jkollu tliet kompetenzi.

Kif jispjega l-Kap tal-MEUSAC Vanni Xuereb, dawn se jkunu l-konsultazzjoni, l-informazzjoni u r-riċerka, u s-sostenn għall-programmi u fondi ta’ l-UE.

Vanni Xuereb inħatar Kap tal-MEUSAC f’Mejju. Huwa Avukat speċjalizzat fost l-oħrajn fil-liġi tal-komunita’ Ewropea, u fil-passat kien involut f’diversi oqsma dejjem fejn jidħlu l-affarijiet Ewropej.

L-ewwel laqgħa tal-Core Group tal-MEUSAC nhar il-ġimgħa se ssir f’Dar il-Mediterran fid-9.30am u se titmexxa mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni Chris Said, li huwa ċ-Chairperson tal-Core Group.

Wara l-introduzzjoni mill-Kap tal-MEUSAC Vanni Xuereb, jinħatru disa’ sotto-kumitati li se jkunu magħmula minn rappreżentanti ta’ għaqdiet mhux governattivi u esperti oħra, u jkun diskuss pjan ta’ ħidma għas-sentejn li ġejjin. L-aġenda ta’ l-ewwel laqgħa tinkludi wkoll deskrizzjoni tar-rwol tal-MEUSAC u anke dibattitu dwar ir-relazzjoni li dan il-kumitat għandu jkollu mal-Parlament Malti, mal-MEP’s Maltin, u mar-rappreżentanti Maltin fil-kumitati u l-istituzzjonijiet l-oħra ta’ l-UE.

Il-Core Group tal-MEUSAC jiġbor fih firxa wiesa’ ta’ nies minn kull kategorija, fost l-oħrajn il-partiti politiċi, ir-rappreżentant permanenti Malti għall-UE Richard Cachia Caruana, il-korpi kostitwiti, is-soċjeta’ ċivili, rappreżentanti tal-Gvern u esperti indipendenti.

Flimkien ma’ l-imsieħba soċjali li huma l-istess membri MCESD, se jkollu siġġu wkoll fuq dan il-kumitat iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Sonny Portelli.

Il-MEUSAC, li jaqa’ taħt il-kappa ta’ l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, integra fl-istruttura tiegħu dak li sa ftit ilu kien magħruf bħala l-Forum Malta fl-Ewropa.